# L-Innovazzjoni tan-Negozji: 2022-2024

NR 165/2026 | L-Innovazzjoni tan-Negozji | Data tal-Ħruġ: **18/09/2026** | Data tal-Għeluq: 30/06/2026






## Il-Punti ewlenin

- In-nefqa fuq l-innovazzjoni għall-2024 kienet stmata għal €1.1 biljun.
- L-intrapriżi fil-Manifattura (Taqsima tan-NACE C), fl-Informatika u l-komunikazzjoni (Taqsima tan-NACE J), u fil-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (Taqsima tan-NACE G) kellhom l-akbar nefqa b'66.6, b'14.2 u b'4.3 fil-mija, rispettivament, tan-nefqa kollha fuq l-innovazzjoni.
- 1,356 intrapriża li jħaddmu mill-inqas 10 persuni, jew 43.4 fil-mija tal-intrapriżi mistħarrġa, għamlu attivitajiet ta' innovazzjoni.

---

## Il-Kummentarju

*Fl-2024, l-innovazzjoni tan-negozju kienet stmata għal €1.1 biljun. Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tagħti tagħrif miġbur mill-Istħarriġ dwar l-Innovazzjoni mmexxi mal-intrapriżi li jħaddmu 10 persuni jew aktar għall-perjodu ta' tliet snin mill-2022 sal-2024.*

Bejn l-2022 u l-2024, 1,356 intrapriża li jħaddmu mill-inqas 10 persuni, jew 43.4 fil-mija tal-intrapriżi mistħarrġa, għamlu attivitajiet ta' innovazzjoni. Ir-riżultati juru li 570 intrapriża kienu involuti kemm fil-proċess tal-prodott kif ukoll f'dak tan-negozju, 562 intrapriża kienu involuti fl-innovazzjoni tal-proċess tan-negozju biss, 145 intrapriża kienu involuti biss fl-innovazzjoni tal-prodott, u 79 intrapriża għamlu riċerka u żvilupp (R u Ż) jew attivitajiet oħra ta' innovazzjoni (Ċart nru 1).



Ċart nru 1. Intrapriżi innovattivi skont it-tip ta' attività ta' innovazzjoni: 2022-2024

In-nefqa fuq l-innovazzjoni (minbarra r-R u Ż) kienet predominanti b'total ta' €921.4 miljun (85.4 fil-mija). Warajha, kien hemm in-nefqa intramurali fuq ir-R u Ż, li kienet ta' €96.0 miljun (8.9 fil-mija). L-intrapriżi fil-Manifattura (Taqsima tan-NACE C), l-Informatika u l-komunikazzjoni (Taqsima tan-NACE J), u l-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (Taqsima tan-NACE G) kellhom l-akbar nefqa, li tirrappreżenta 66.6 fil-mija, 14.2 fil-mija u 4.3 fil-mija, rispettivament, tan-nefqa kollha fuq l-innovazzjoni (Tabella nru 2).

Fl-istħarriġ deher li 17.8 fil-mija tal-intrapriżi innovattivi kellhom mill-inqas arranġament wieħed ta' kooperazzjoni ma' intrapriżi jew organizzazzjonijiet oħra, li l-biċċa l-kbira minnhom (52.3 fil-mija) kellhom kooperazzjoni ma' intrapriża ta' negozju privat mis-settur tan-negozju (Tabella nru 3).

Kienu 11.9 fil-mija (373 intrapriża) l-intrapriżi mistħarrġa li applikaw għal dritt jew liċenzja ta' proprjetà intellettwali. Il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi (237 intrapriża) applikaw għal trademark biss. Dawn kienu segwiti minn intrapriżi li applikaw għal aktar minn dritt wieħed ta' proprjetà intellettwali (75 intrapriża) u dawk li użaw sigriet kummerċjali biss (34 intrapriża) (Tabella nru 4).

Kienu jgħoddu 40.6 fil-mija l-intrapriżi innovattivi li ma ħassewx il-ħtieġa li jdaħħlu aktar attivitajiet ta' innovazzjoni fi ħdan l-intrapriża tagħhom, filwaqt li 23.5 fil-mija kellhom nuqqas ta' riżorsi li fixkilhom milli jdaħħlu aktar attivitajiet ta' innovazzjoni. 4.6 fil-mija tal-intrapriżi mhux innovattivi ma daħħlu fl-ebda attività ta' innovazzjoni minħabba nuqqas ta' riżorsi, filwaqt li l-maġġoranza (80.2 fil-mija) ma introduċew l-ebda attività ta' innovazzjoni minħabba li ma kinitx meħtieġa (Tabella nru 5, Ċart nru 2).



Ċart nru. 2 Intrapriżi maqsumin skont ir-raġuni l-għala ma jkunux ġeddu aktar: 2022-2024

25.3 fil-mija tal-intrapriżi innovattivi kisbu b'suċċess finanzjament ta' ishma jew ta' dejn, b'terz minnhom (33.8 fil-mija) użaw parzjalment jew kompletament dawn il-fondi għar-R u Ż jew attivitajiet oħra ta' innovazzjoni (Tabella nru 6).

Mat-32.8 fil-mija tal-intrapriżi daħħlu innovazzjonijiet li naqqsu l-użu tal-enerġija jew l-impronta tal-karbonju fi ħdan l-intrapriża tagħhom. Warajhom kien hemm intrapriżi li rriċiklaw l-iskart, l-ilma, jew materjal għalihom jew għal bejgħ (31.4 fil-mija) (Tabella nru 7).

Mill-intrapriżi kollha, 37.7 fil-mija kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' intrapriżi, li minnhom 66.6 fil-mija kellhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom f'Malta, filwaqt li l-bqija tal-kumpaniji kellhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fl-Unjoni Ewropea (UE), fil-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jew fil-bqija tad-dinja, li jammontaw għal 15.5 fil-mija, 1.2 fil-mija u 16.7 fil-mija rispettivament (Tabella nru 8, Ċart nru 3).



Ċart nru 3. It-taqsim perċentwali tal-intrapriżi li jiffurmaw parti minn grupp skont l-istat ta' innovazzjoni: 2024

L-Innovazzjoni tan-Negozji

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Innovazzjoni tan-Negozji: 2020-2022

Temi Oħra Relatati

Ir-Reġistru tal-Istatistika tan-Negozju

Ir-Riċerka u l-Iżvilupp

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

br.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula